**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60**

**11 ta' April 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

George Zammit - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsillier

Il-Kunsillier Hubert Saliba daħal fil-kamra tal-laqgħat fil-5.10 ta' filgħaxija u rtira fis-6.30 ta' filgħaxija.

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ivan Attard - Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**60.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

60.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 59 li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Dawn il-minuti ġew ippreparati mill-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri u iffirmati mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv attwali, Ivan Attard.

**60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

60.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li għamel kuntatt mas-Sinjura Alison Camilleri sabiex tieħu ħsieb l-applikazzjoni għall-fondi Ewropej sabiex it-Toroq tal-Ħorob, Tas-Salib u Is-Salvatur jiġu asfaltati. It-total tal-proġett huwa stmat li jiswa 182,000 Ewro li minnhom 90% huwa finanzjat mill-Unjoni Ewropea u 10% irid jiġi iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill. Il-Kunsilliera approvaw lis-Sinjura Camilleri sabiex tagħmel ix-xogħol rikjest fuq din l-applikazzjoni li trid tiġi sottomessa sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 13 ta' April 2017. Il-ħlas mitlub mis-Sinjura Camilleri għal dan ix-xogħol huwa ta' € 1003 VAT inkluża.

60.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li mill-programm tat-Town Twinning tal-Unjoni Ewropea għandna nirċievu s-somma ta' madwar € 4800. Permezz ta' dan il-programm, sar il-ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali tax-Xewkija u l-Kunsill ta' Modica f'Settembru 2016.

60.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol ta' manutenzjoni ta' bankini fil-lokalita' tagħna għaddej b'mod normali mill-kuntrattur tal-Kunsill skont il-*budget* li għandu l-Kunsill għad-dispożizzjoni tiegħu.

60.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet dwar il-proġett ta' rinnovazzjoni ta' Pjazza San Ġwann Battista, liema proġett ser isir mill-Ministeru għal Għawdex. Għal-laqgħat qed ikun preżenti hu u hu jinsab infurmat li l-pjanta tal-proġett propost ser tkun għad-dispożizzjoni tal-Kunsill biex ikun jista' jagħti s-suġġerimenti tiegħu. Fuq dan il-proġett ġiet inkarigata l-Perita Mariella Xuereb. Is-Sindku qal ukoll li qabel ma din il-pjanta tersaq għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar, din ser tkun għall-iskrutinju tar-residenti tax-Xewkija sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu s-suġġerimenti tagħhom.

60.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li l-aħħar biċċa ta' Triq Buqari mal-biċċa t'isfel u t-triq ta' Mġarr ix-Xini ser jingħataw il-konkos. Dan ix-xogħol ser isir min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

60.3.6 Is-Sindku qal li tinħass il-ħtieġa li niffinalizzaw ix-xogħol kollu relatat mal-proġett tal-Urban Greening, liema proġett sar b'finanzjament ta' € 30,000 mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima. Is-Sindku qal li fadal ammont pendenti li għadu jrid jitħallas lill-kumpanija Xerri's Landscaping Co. Limited li għamlet dan ix-xogħol, liema pagament irid jitħallas wara li jiġi verifikat ix-xogħol kollu li sar.

60.3.7 Is-Sindku informa lill-membri li hemm bżonn li jiġu finalizzati l-pagamenti relatati max-xogħol ta' dwal u xogħol ieħor interjuri relatat mal-bini l-ġdid tal-Kunsill Lokali (in-naħa ta' wara). Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja l-*file* li jinsab fl-uffiċċju relatat ma' dan il-proġett sabiex naraw x'kontijiet fadal pendenti ħalli jkun jista' jsir il-pagament wara li jiġi approvat mill-Kunsill.

60.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li bħalissa qed jintbagħtu l-*green wardens* minħabba l-ħmieġ tal-annimali. Is-Sindku qal li dawn il-gwardjani qed jintbagħtu fil-ħinijiet li diġa' ġew deċiżi mill-Kunsill, f'*areas* identifikati mill-Kunsill.

60.3.9 Is-Sindku informa lill-membri li ġew ordnati xi T-shirts b'tifkira tal-ġemellaġġ li sar bejn il-Kunsill Lokali tax-Xewkija u l-Kunsill ta' Modica fl-Italja f'Settembru 2016. Il-membri qablu li dawn it-T-shirt għandhom jinxtraw.

60.3.10 Is-Sindku informa lill-membri li matul dan ix-xahar għandu jsir l-*audit* statutorju tal-Kunsill għas-sena 2016. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna navviċinaw lill-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Odette Camilleri, sabiex tattendi waqt li jkun qed isir dan l-*audit* minħabba li hi kienet qed isservi f'din il-kariga matul is-sena li għaddiet.

60.3.11 Is-Sindka informa lill-membri li nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017 għandu jinstema' l-każ tal-appell li fetaħ il-kuntrattur Nicholas Zammit kontra l-Kunsill Lokali tax-Xewkija fuq l-għoti tat-tender tal-knis tat-toroq. Is-Sindku qal li diġa' ġiet avviċinat l-avukata Dr. Renata Formosa sabiex tkun tista' tidher hi għan-nom tal-Kunsill f'dan il-każ.

60.3.12 Is-Sindku informa lill-membri li rċivejna e-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jistaqsi jekk il-Kunsill għandux ħsieb li jagħmel dħul mix-xelter tal-gwerra f'każ li dan jiġi devolut lilu. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li m'għandux ħsieb li jagħmel xi forma ta' qligħ minn dan is-sit jekk jiġri dan il-każ.

60.3.13 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija għadu kemm irċieva premju ta' € 5,000 mill-Wasteserv bħala turija ta' rikonoxximent għall-fatt li l-lokalita' tagħna kienet l-aktar lokalita' li fiha saret separazzjoni tal-iskart f'Malta u Għawdex. Is-

Sindku qal li dan il-premju għandu jservi ta' xprun sabiex il-Kunsill isaħħaħ il-ħidma tiegħu fl-edukazzjoni fost ir-residenti Xewkin ħalli jkompli jisseparaw l-iskart għall-ħarsien tal-ambjent.

**60.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

60.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar jekk il-pjanta tal-proġett ta' Pjazza San Ġwann Battista hix ser tersaq għall-attenzjoni tal-Kunsill qabel ma din tasal għand ir-residenti. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa.

60.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar jekk hux ser issir ħarġa Malta fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm kif sar fis-snin preċedenti. Il-membri qablu li din l-attivita' għandha ssir. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Jeanelle Attard ser tkun inkarigata minn din l-attivita' u li għandna nagħtu tifkira żgħira tal-okkażjoni lill-ommijiet li jattendu.

60.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar fiex wasal ix-xoghol ta' *patching* ta' Triq Ta' Gorġun. Is-Sindku qal li hemm file miftuħ dwar dan il-każ mal-Ministeru għal Għawdex. Dan minħabba li hemm bżonn ta' sistemi ġodda ta' drenaġġ. Li jista' jsir min-naħa tal-Kunsill huwa xogħol temporanju ta' *patching*.

60.4.4 Il-Kunsillier George Zammit qal li hija ħaġa tajba li sqaqien jew toroq li għadhom bla isem jingħataw isem. Huwa għamel riferenza għal każ li ġara fejn persuna qed toġġezzjona li l-isqaq fejn toqgħod hi jingħata isem. Huwa issuġġerixxa u l-Kunsill qabel li għandna niktbu lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq li fiha qed nissuġġerixxu li minflok 'Daħla Toni Camilleri', din it-triq għandha tissemma 'Triq Toni Camilleri'.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.00 ta' filgħaxija sabiex il-Kunsill seta' jitkellem mas-Sinjura Alison Camilleri li ġiet tiddiskuti mal-Kunsill il-proċess ta' applikazzjoni għall-fondi tal-EAFRD sabiex tliet toroq rurali fil-lokalita' tax-Xewkija – Triq il-Ħorob, Triq tas-Salib u Triq is-Salvatur - jiġu asfaltati. Il-laqgħa tkompliet fis-6.15 ta' filgħaxija.

**60.5 Approvazzjoni tar-rapport tal-bord tal-għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill**

60.5.1 Il-membri approvaw unanimament ir-rapport tal-bord tal-għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Dan ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jaħtar lis-Sinjura Marion Attard bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Is-Sindku irringrazzja lill-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinjura Odette Camilleri u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv attwali Ivan Attard li aċċetta din il-kariga sakemm jintemm il-proċess tal-ħatra tas-Segretarja l-ġdida. Saru wkoll ringrazzjamenti lill-membri kollha tal-bord tal-għażla għax-xogħol li għamlu u lit-tliet parteċipanti li attendew għall-interviews li saru biex jimtela dan il-post vakanti.

**60.6 Aġġornament dwar il-binja tal-Kunsill il-ġdid**

60.6.1 Is-Sindku ta aġġornament lill-membri tal-Kunsill dwar il-binja l-ġdida tal-Kunsill. Huwa qal li x-xogħlijiet fuq din il-binja jinsabu fl-aħħar fażijiet tagħhom. Fid-dawl ta' dan, għandu jibda l-pjan biex tibda ssir ir-rilokazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill mill-post fejn jinsab bħalissa għall-post il-ġdid quddiem il-każin tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur.

Is-Sindku qal li hemm bżonn jiġu finalizzati l-kontijiet pendenti relatati ma' dan ix-xogħol. Għaldaqstant, għandna niċċekkjaw x'fadal biex dawn il-kontijiet ikunu jistgħu jiġu issetiljati mill-aktar fis wara li jiġu approvati mill-Kunsill.

**60.7 Ilmenti mir-residenti**

60.7.1 Ilment mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard rigward iz-*zebra crossing* li hemm quddiem il-Mitħna. Dan minħabba li mhux ċar minfejn din iz-*zebra crossing* tibda u qed ikun hemm ħafna inċidenti. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

60.7.2 Ilment mingħand il-Kunsillier George Zammit rigward bank imkisser fi Triq Santa Marija. Il-Kunsill qabel li dan il-bank għandu jitranġa mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

60.7.3 Talba mingħand il-Viċi Sindku Dominic Zerafa sabiex issir *sleeping police* fi Triq l-Eħbiel. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

60.7.4 Talba mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard sabiex isir qtugħ ta' ħaxix u tindif f'diversi żoni fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li għandna navviċinaw lix-Xewkija Tigers (il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart) rigward dan.

60.7.5 Talba mingħand il-Kunsilliera Jeanelle Attard sabiex isiru tabelli li jindikaw il-monti li qed isir fix-Xewkija kull nhar ta' Sibt. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli għandhom isiru.

60.7.6 Talba mingħand Michelina Xerri ta' 'Johndin House', Triq La Valette, sabiex isiru *double yellow lines* quddiem id-*drive-in* tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw dwar il-post eżatt fejn qed jintalbu li jsiru dawn is-sinjali.

60.7.7 Talba mingħand Emmanuel Cassar ta' 1, Triq il-Ħamrija, sabiex titranġa l-bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

60.7.8 Talba mingħand persuna li xtaqet tibqa' anonima sabiex jerġgħu jsiru t-*traffic lights* li kien hemm qabel saret ir-*roundabout* attwali fi Triq l-Imġarr minħabba li qegħdin ħafna inċidenti. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta.

60.7.9 Talba mingħand Frances Saliba ta’ Triq il-Kbira sabiex isir xogħol ta’ *patching* fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

60.7.10 Talba mingħand John Attard ta’ Triq San Bert sabiex titranġa rampa li tinsab fir-raba’ fl-inħawi tal-Ħorob minħabba li hi perikoluża. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

60.7.11 Talba mingħand Doris Attard ta’ 50, Triq San Ġwann, sabiex isir xogħol ta’ *patching* fi Triq San Ġwann fejn is-sqaq li jinsab ftit ‘l isfel mir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

60.7.12 Talba mingħand John Attard ta’ 38, Triq Sant’Andrija, sabiex isir bank fejn ir-residenza tiegħu u jsiru numru ta’ *stands* li magħhom jiddendlu l-boroż tal-iskart domestiku. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

60.7.13 Talba mingħand Frenċ Attard sabiex issir *sleeping police* fit-triq tal-*heliport* minfejn joħroġ iż-żiemel tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw eżatt fejn qed jintalab li ssir din is-*sleeping police*.

60.7.14 Talba mingħand Josiah Azzopardi ta’ 88, Triq Sant’Andrija, sabiex isir bank taħt it-tieqa tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan il-bank għandu jsir.

60.7.15 Talba mingħand persuna li xtaqet tibqa’ anonima sabiex isiru tabelli kontra l-ħmieġ tal-klieb fit-triq tal-*heliport*. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu.

60.7.6 Talba imressqa mill-Kunsilliera Jeanelle Attard sabiex studenta mix-Xewkija tkun tista’ tagħmel *job shadowing* biex issegwi x-xogħol tal-iskrivani tal-Kunsill għal ġurnata waħda bejn l-10am u nofsinhar. Il-proposta ġiet approvata unanimament mill-membri preżenti.

60.7.7 Talba imressqa mill-Kunsilliera Jeanelle Attard sabiex jiġi provdut *rooter* fil-kamra laqgħat tal-Kunsill ħalli ikun hawn servizz ta’ *internet* fil-kamra. It-talba ġiet approvata unanimament u ser nikkuntattjaw lill-kumpanija *GO plc* biex tagħmel ix-xogħol rikjest.

**60.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti**

60.8.1 L-iskeda ta’ pagamenti 17-60 ġiet approvata unanimament mill-Kunsilliera preżenti.

**60.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

60.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta’ filgħaxija. Is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 16 ta’ Mejju 2017 fl-4.30 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta’ Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Ivan Attard |
| Sindku | Aġent Seg. Eżekuttiv |